DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 180404** **26.02.2018**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

***Titnieda konsultazzjoni pubblika dwar trasport b'xejn u b'superviżjoni għall-istudenti kollha li jattendu l-kindergarten u l-iskola obbligatorja — Ġenituri jibbenefikaw minn medja ta' €500 fis-sena għal kull wild***

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol nieda *White Paper* għal proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku dwar trasport b'xejn u b'superviżjoni għall-istudenti kollha li jattendu skejjel obbligatorji tal-istat, tal-knisja, u dawk indipendenti. Dan is-servizz se jkun qed jinkludi għall-ewwel darba lit-tfal tal-*kindergarten* ukoll.

Din il-miżura hija mniżżla fil-manifest elettoral tal-Gvern fejn jipproponi li jiġi mniedi servizz ta' trasport sorveljat għall-istudenti kollha sal-livell tas-sekondarja, proġett li l-Gvern kompla jimpenja ruħu li jintroduċi fid-diskors tal-*budget* għas-sena 2018. Dan il-proċess se jagħti l-bidu tiegħu mal-ftuħ tas-sena skolastika 2018/2019 u mistenni li jkun varat b'mod komplet f'kull skola matul l-istess sena skolastika.

Rigward is-superviżjoni, se tkun qed tiġi ppublikata sejħa ta' interess volontarja u bi ħlas għall-edukaturi kollha.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo tenna li l-Gvern se jkun qed jalloka minimu ta' €24 miljun għal din l-inizjattiva bir-riżultat li familji jiffrankaw medja ta' €500 għal kull wild, filwaqt li jiġi offrut trasport iżjed sigur b'sorveljanza ta' adult.

Il-Ministru Bartolo żied jgħid li l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett mistennija li tirriżulta f'titjib fil-kwalità ġenerali tas-servizz kif ukoll f'żieda fil-popolazzjoni ta' studenti li jagħmlu użu mit-trasport organizzat. Dan għandu jwassal għal tnaqqis fil-konġestjoni tat-traffiku matul l-aktar ħinijiet intensivi.

Fi stħarriġ mill-kumpanija Grant Thornton, ikkummissjonata mill-Gvern, jirriżulta li bil-proposta li fiha l-akbar investiment, l-użu tat-trasport organizzat se jiżdied b'14,000. Fi skejjel mhux statali, dan se jlaħħaq id-90% tal-istudenti, ġaladarba jkun bla ħlas u b'superviżjoni.

Ta' min jinnota wkoll li fil-kwestjonarju, il-ġenituri rrimarkaw li s-superviżjoni huwa element kruċjali fid-deċizjoni tagħhom dwar jekk jagħżlux li jibgħatu lit-tfal tagħhom bit-trasport organizzat.

Bid-dħul ta' dan il-proġett, fil-każ ta' skejjel tal-istat, għalkemm jista' jkun hemm xi tibdil żgħir fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-iskejjel, l-ebda skola mhi se tkun qed tiftaħ aktar tard mit-8:30 ta' filgħodu, li jfisser li d-differenzi fil-ħinijiet mhux se jkunu ta' aktar minn nofsiegħa.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Din il-konsultazzjoni pubblika se tkun qed tiffoka fuq l -implimentazzjoni tas-servizz innifsu, hekk kif matul ix-xhur li għaddew ġew ikkonsultati diversi partijiet interessati u l-fehmiet tagħhom ġew inklużi f'dan id-dokument minn www.edu.gov.mt/transportconsultation.

Kull minn jixtieq iwassal is-suġġerimenti tiegħu jista' jagħmel dan billi jibgħat *e-mail* fuq transportconsultation.mede@gov.mt jew ittra lill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol sa nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu 2018.